MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 466/2002/1

**Citaz Nru: 466/02 JA.**

**APS Bank Limited.**

**-vs-**

**Emanuel Spagnol u martu Luigia Spagnol.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 t' April, 2002 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi permezz ta' tlett kuntratti lkoll fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro tnejn minnhom datati erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elf disa' mija u seba u disghin (1997) (Dok A & B) u l-iehor datat

tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) (Dok C), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet ta' self u overdraft lill-konvenuti 'in solidum' tahht l-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratti.

Illi llum l-konvenuti 'in solidum' bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' disa' u erbghin elf mija u tmien Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm49,108.58) dovuta in kwantu ghas-somma ta' disa' u ghoxrin elf sitt mija u hamsin Liri Maltin u tmintax il-centezmu (Lm29,650.18) bhala bilanc ta' debitu ta' Overdraft Account Numru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta wiehed zero wiehed seba (11830831017) [Dok D] u in kwantu ghas-somma ta' hmistax il-elf mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm15, 228) bhala bilanc ta' debitu ta' Loan Account Nrumru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta tnejn zero wiehed tlieta (11830832013) [Dok E], u inkwantu ghas-somma ta' erbat elef mitejn u tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm4,230.40) bhala bilanc ta' debitu ta' Kont Kurrenti numru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta zero zero tlieta tlieta (11830830033) (dok F), oltre l-interessi ulterjuri b' effett mit-28 ta' Dicembru 2001 sad-dat tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm debitament interpellati biex jhallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghanhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti 'in solidum' bejnithom huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' disa u erbghin elf mija u tmien Liri Maltin u tmienja u hamsin centenzmu (Lm49, 108.58) dovuta in kwantu ghas-somma ta' disa u ghoxrin elf sitt mija u hamsin Liri Maltin u tmintax il-centezmu (Lm29,650.18) bhala bilanc ta' debitu ta' Overdraft Account Nrumru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta wiehed zero wiehed seba (11830831017)

[Dok D] u in kwantu ghas-somma ta’ hmistax il-elf mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm15, 228) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Loan Account Nrumru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta tnejn zero wiehed tlieta (11830832013) [Dok E], u inkwantu ghas-somma ta’ erbat elef mitejn u tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm4,230.40) bhala bilanc ta’ debitu ta’ Kont Kurrenti numru wiehed wiehed tmienja tlieta zero tmienja tlieta zero zero tlieta tlieta (11830830033) (dok F), oltre l-interessi ulterjuri b’ effett mit-28 ta’ Dicembru 2001 sad-dat tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ‘in solidum’ bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija soma ta’ disa u erbghin elf mija u tmien Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm49,108.58).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ‘in solidum’ inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Marzu, 2001, u tal-mandati ta’ sekwestru u qbid prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b’ effett mit-28 ta’ Dicembru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ‘in solidum’ mill-llum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa minn Louise Spiteri fit-23 t’ April, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Spagnol pprezentata fid-29 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha eccipew:

1. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju, irid l-ewwelnett jigi pruvat li gew avvanzati lill-konvenuti s-somom pretizi, irid jigi pruvat x’ rata ta’ imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuti, u jrid jigi pruvat x’ servizzji ew resi mis-socjeta’ bankarja attrici lill-konvenuti, f’ kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha *charges, ledger fees* jew kommissjonijiet;

2. Illi l-ligi konswetudinarja f' materja ta' facilitajiet bankarji hija fis-sens illi facilita' ta' dan it-tip ma' tigix irtirata jekk mhux ghal raguni valida tenut kont tal-likwidita' u tal-garanziji offerti mill-klijent bankarju, u bi pre-avviz ragonevoli sabiex ma tinholoqx diffikulta' ta' *cash-flow* intenzjonali. Jigi eccepit illi s-socjeta' bankarja attrici vjolat tali ligi konswetudinarja billi naqset milli taghti lill-konvenuti pre-avviz ragonevoli, u dwar dan qieghda ssir ukoll talba rikonvenzjali;

3. Illi minghajr pregudizzju, in vista ta' l-artikoli 986 (2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 Kap.16 Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u *charges, ledger fees u* kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali b' qerq tad-disposizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghadaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 1851(2) Kap. 16 Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponenti jipprotestaw ruhhom formalment dwar il-mod kif fatti, dokumenti u skritturi koperti mis-sigriet bankarju professjonali ew esposti u esibiti bi ksur ta' l-artikolu in materja kontenuti fl-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap. 377 Ligijiet ta' Malta, u in partikolari ta' l-obbligu li provi simili jingabru in kamera, u bl-access ghalihom limitat esklussivament ghall-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap citat. Dwar tali ksur l-esponenti jiddikjaraw li sofrew dannu u li qieghda ssir ukoll talba rikonvenzjonali kontestwali f'dan is-sens;

5. Illi minghajr pregudizzju, in-nuqqasijiet kontrattwali u delittwali tas-socjeta' attrici esposti fl-eccezzjonijiet numri (2) u (4) kkawzaw danni lill-konvenuti, liema danni qieghda tintalab kontestwalment per via rikonvenzjonali l-

likwidazzjoni taghhom, u ghadaqstant tigi eccepita minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-eccezzjoni tat-tpacija, totali jew parzjali skond l-ammont li jigi eventwalment likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi minghajr preudizzju ghas-sueccepit, l-imghax legali ulterjuri ma jistax jintalab b' effett mit-28 ta' Dicembru 2001 fuq l-imghax kapitalizzat f' dik id-data, billi tali imghax ma jkunx ilu dovut aktar minn sena, izda jista' biss jintalab minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux inqas minn sena, in vista ta' l-artikoli 1142, 180 u 181 (2) Kap.16, Ligijiet ta' Malta.

7. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-seccepit, l-eccipjenti ma ghandhomx fi kwalunkew kaz ibatu spejjez in vista tan-nuqqas ta' interpellazzjoni u tar-ragunijiet esposti fit-tieni eccezzjoni *supra*.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konjugi Spagnol mahlufa minn Emanuel Spagnol fid-29 ta' Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro talba tal-konvenuti konjugi Spagnol li permezz taghha esponew:

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni attrici sabiex jipproponu s-segwenti kontrotalba taghhom a tenur ta' l-artikolu 396 Kap.12, in kwantu tali kontrotalba gejja mill-istess kuntratt jew titolu li minnu gejja t-talba tas-socjeta' attrici rikonvenuta, kif ukoll ghaliex l-iskop taghha huwa li tpaci l-kreditu mitlub mis-socjeta' attrici, jew li b' kull mod iehor iggib fix-xejn l-azzjoni attrici jew li timpedixxi l-effetti taghha;

Illi l-ligi konswetudinarja f' materja ta' facilitajiet bankarji hija fis-sens illi facilita' ta' dan it-tip ma tigix irtirata jekk mhux ghal raguni valida tenut kont tal-likwidita' u (sic)tal-gaanziji offerti mill-klijent bankarju, u bi pre-avviz ragonevoli u sufficjenti sabiex il-klijent bankarju jinghata l-opportunita' li jottjeni facilitajiet bankarji alternattivi sabiex ma tinholoqx diffikulta' ta' *cash-flow* intenzjonali;

Illi s-socjeta' bankarja attrici rikonvenuta vjalat tali ligi konswetudinarja billi naqset milli taghti pre-avviz ragonevoli lill-eccipjenti li kienu ser jitterminawlhom il-facilitajiet bankarji precedentement moghtija;

Illi fatti, dokumenti u skritturi koperti mis-sigriet bankarju professjonali gew esposti u esibiti mis-socjeta' attrici rikonvenuta bi ksur ta' l-artikoli in materja kontenuti fl-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap. 377 Ligijiet ta' malta, u in partikolari ta' l-obbligu li provi simili jingabru in kamera, u bl-access ghalihom limitat esklussivament ghall-partijiet a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kap citat;

Illi dawn il-fatti taw lok ghal pregudizzju serju fil-konfront ta' l-atturi rikonvenzjonali, li8 ghadaqstant soffrew dannu;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-atturi rikonvenzjonali soffrew danni li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' attrici rikonvenuta ghar-agunijiet esposti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rikonvenzjonali, occorrendo permezz ta' periti komputisti moninandi;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' attrici rikonvenut thallas lill-atturi rikonvenzjonali s-somma hekk likwidata.

Bl-imghax u bl-ispejjez, bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni minn issa tar-rappresentanti tas-socjeta’ attrici rikonvenuta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi rikonvenzjonali konjugi Spagnol mahlufa minn Emanuel Spagnol fid-29 ta’ Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici rikonvenzjnonata ghat-talbiet in via rikonvenzjonali tal-konvenuti, pprezentata fil-21 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha eccepixxiet:

1. Illi mhux minnu li s-socjeta’ attrici kisret l-Att Dwar is-Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Illi mill-atti Notarili ta’ self u overdraft gia prezentati mill-istess Bank attur, jirrizulta illi l-facilitajiet bankarji moghtija lill-konvenuti Spagnol mill-Bank attur huma ripagabbli fuq semplici talba ta’ l-istess Bank. Minkejja dan u minghajr pregudizzju ghal din id-dritt, il-bank attur ghamel uzu minn dan il-jedd tieghu bil-qies li jmiss u bi prudenza u pacenzja kbira u wara hafna twissijiet u pre-avvizi lill-istess konvenuti Spagnol li xorta wahda baqghu inadempjenti. Ghalhekk il-Bank attur m’ ghandhux iwiegeb ghal ebda danni li huma allegati mill-konvenuti rikonvenjenti.

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu li socjeta’ attrici kkawzat xi danni lill-konvenuti rikonvenjenti.

4. Illi ghalhekk it-talbiet kolha tal-konvenuti rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti rikonvenjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata mahlufa minn Louise Spiteri fil-21 ta' Gunju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti konjugi Spagnol.

Rat in-nota ta' cessjoni tal-kontro talba tal-istess konvenuti konjugi Spagnol.

**In vista ta' dan il-Qorti, fl-ammissjoni tal-konvenuti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Spagnol flimkien ihallsu s-somma ta' disa' u erbghin elf mija u tmien Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm49,108.58) lill-Bank attur, bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro talba tal-konvenuti konjugi Spagnol.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuti konjugi Spagnol.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------